# *Il-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat ta' Malta tul iż-żmienijiet*

Mons. Ġwann Azzopardi

**Fi żmien San Pawl**

Madwar is-sena 60 wara Kristu tempesta qalila jew aħjar il-Providenza t'Alla tefgħet 276 ruħ, fosthom San Pawl Missierna, mal-gżira ta' Malta. Pajjiżna kien taħt il-ħakma tar-Rumani. Il-belt ta' Malta bħall-istess gżira kien jisimha *Melita* u din il-belt kienet wisq akbar mill-Imdina tal-lum għax ftit mijiet ta' snin wara l-Biżantini ċekknuha bħalma ċekknu bosta bliet oħra. Il-belt Rumana kienet imdawra b'foss li jasal sa fejn illum tinsab il-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl, Rabat – tant li mis-sagristija tal-Knisja għad fadal biċċa mdaqqsa mill-foss Ruman. Id-dfin ma kienx jitħalla jsir ġewwa l-belt iżda barra minnha u għalhekk iż-żona mill-Knisja tar-Rabat 'il barra sa Tal-Virtu` u lejn il-Buskett hija mimlija b'għerien u oqbra – iż-żona ewlenija katakombali ta' Malta. Il-katakombijiet kienu l-post ta' dfin, miżgħud b'oqbra tal-Feniċi, Rumani u Nsara. Dawn ta' spiss kienu jużaw l-oqbra ta' xulxin. Xi wħud mill-għerien kienu katakombijiet li wara ġew adattati għal użu ieħor ta' abitazzjoni jew kultant għaż-żamma ta' annimali.

Il-Grotta ta' San Pawl kienet waħda minn dawn l-għerien. Kienet tmiss sewwasew mal-foss Ruman tant li fid-dokumenti hija spiss magħrufa bħala 'San Paolo fuori le mura' – l-istess bħal Bażilika ta' Ruma.

Tradizzjoni wisq qadima rabtet dan l-għar ma' xi forma ta' preżenza ta' San Pawl f'Malta. Nafu żgur li fis-sena 1366 dan l-għar kien ġa ġie mibdul fi Knisja – *ecclesia Sancti Pauli de crypta.* Il-knisja-għar kellha foss bħala propjeta` tagħha. L-isqof ta' Malta Ilarju f'din is-sena 1366 ta lil ċertu Bochius de Bochio bi ħlas annwali lill-knisja tal-Grotta, *fosatum unum* (foss wieħed) li kien propjeta` ta' din il-Knisja. Kellha wkoll ċimiteru kbir madwarha.

X'użu seta' għamel San Pawl minn dan il-għar? Hemm żewġ fehmiet. Għalkemm Pawlu kien ċittadin Ruman (privileġġ importanti), huwa ġie Malta taħt arrest mhux għax instab ħati iżda għax uża d-dritt tiegħu li jiġi ġġudikat mill-imperatur Ruman u mhux mill-Lhud li arrestawh. Kien intbagħat Ruma protett minn suldat bħala priġunier u għalhekk ried jiġi indukrat




*Litografija antika li turi l-Kolleġġjata tar-Rabat, Malta u l-Grotta ta' San Pawl annessa magħha.*

minn suldat (forsi wkoll idejh marbuta b'katina meta jkun barra). Il-fatt li l-Grotta tinsab eżatt mal-foss tal-belt jindika li setgħet kienet speċi ta' *guard room* fejn persuna distinta bħal Pawlu, ċittadin Ruman, kellu jkun miżmum u indukrat, kustodit, matul il-lejl fi speċi ta' ħabs. Dan ma jfissirx li matul il-jum, anki jekk dejjem akkompanjat minn suldat, ma setax jivvjaġġja u jipprietka. Din kienet tissejjaħ *custodia militaris* b'kuntrast ma' *custodia publica.*

Fehma oħra, li tikkomplimenta lil dik li diġa` semmejna, hi li San Pawl uża dan l-għar – fejn seta' kien indukrat – bħala bażi tal-appostolat tiegħu. Anki jekk seta' jipprietka fit-toroq tul il-jum. Kellu jkun hemm post magħluq fejn jista' jlaqqa' l-ewwel Insara li jaċċettaw it-tagħlim tiegħu biex hemm ikompli jgħallem, jitlob, jgħammed u jiċċelebra s-sagramenti, speċjalment l-Ewkaristija, lil din l-ewwel komunita` Nisranija ta' ġensna. Għalhekk bir-raġun il-Grotta ġiet imsejħa l-pedament u l-bażi tal-Kristjanita` f'pajjiżna – *vere fundamentum ecclesiae melitensis.*

Fl-Atti tal-Appostli nsibu diversi referenzi għal "knisja domestika". Jissemmew b'isimhom persuni li laqgħu u għenu lil Pawlu, bħal Priscilla u Aquila, u li darhom kienet ukoll tintuża bħala knisja. Lill-Korintin (1 Kor. 16: 19) San Pawl jiktbilhom: *Isellu għalikom Aquila u Prisca mal-ġemgħa li tiltaqa' għandhom.* Hekk kien jiġri fid-dar li San Pawl kien tħalla jikri fl-ewwel priġunerija tiegħu f'Ruma.

Il-fatt li fir-rakkont tal-Atti, il-*protos* tal-Gżira jissemma b'ismu, Publiju, u jitfaħħar għax laqa' tajjeb lil Pawlu jfisser ħafna u ħafna. Min-naħa l-oħra fil-kuntest tal-ħakma Rumana, ostili għar-reliġjon Kristjana, San Luqa li kiteb l-Atti uża ċerta prudenza biex ma jikkomprometti lil ħadd iżda biss jimplika twaqqif ta' knisja domestika. It-tradizzjoni Maltija rabtet din l-ewwel knisja u din l-ewwel komunita` Nisranija ta' Malta mal-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat ta' Malta.

**Qabel il-wasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann (sas-sena 1530)**

Din il-Grotta taħt l-art baqgħet dejjem meqjuma mill-Insara Maltin u mid-Djoċesi bħala post sagru u devot - l-ewwel knisja u baqgħet isservi bħala l-parroċċa tar-Rabat almenu sal-1569. Iżda kif dejjem jiġri fil-knejjes għerien (Madonna tal-Għar, S.Katald u l-bqija), inbniet ukoll knisja oħra fuqha, għal-livell tat-triq; dan għall-kumdita` tan-nies speċjalment anżjani. Fil-każ tar-Rabat il-knisja li nbniet fuq il-grotta kienet sewwasew mal-ġenb tagħha, tant li mill-knisja ta' fuq kont tinżel fil-grotta minn tarag li għadu jeżisti u li jinsab f'nofs il-ħajt laterali tal-lemin meta tidħol mill-bieb prinċipali. Il-Grotta taħt l-art u Knisja ta' fuqha kienu jiffurmaw korp wieħed (*unum corpus*). Fir-*Rollo* tal-Isqof De Mello tal-1436 din kienet waħda mit-tnax-il *cappelle* (parroċċi) u kienet tissejjaħ *S.Paulo di fora* (1436) jew *Sancti Pauli Barrani* (1495).

Iċ-ċimiterju madwar il-Knisja u l-Grotta fil-Medju Evu baqa' dejjem jikber u jissebbaħ b'kappelli ġodda li f'xi żmien kienu jammontaw għal 21. Ħamsa minnhom kienu diġa` jeżistu fis-sena 1436. Iċ-ċimiterju kien mogħni b'indulġenzi għal min kien jixtieq jindifen fih, bħal dak tal-Campo Santo f'Ruma. [1]

Il-Grotta kienet tant meqjuma u devota li meta minħabba l-bosta attakki tat-Torok is-swar tagħna kellhom bżonn tiswijiet kbar, fis-sena 1461 l-Isqof ta' Malta Antonius, biex iħeġġeġ il-poplu jikkontribwixxi għad-difiża ta' gżiritna, talab u qala' mingħand il-Papa Piju II li kull min fil-festa ta' San Pawl iżur il-Knisja tar-Rabat u jikkontribwixxi għas-swar jirbaħ indulġenza plenarja u dan anki kull sena. Qala' wkoll indulġenza ta' 20 sena għal kull min iżur il-Knisja u l-Grotta bejn iż-żewġ Vespri tal-Festa.

Qabel din id-data, fis-sena tal-Ġublew tal-1450, il-Papa Nicola V inkluda lil din il-Knisja fost il-ħamsa f'Malta (kollha fl-Imdina u r-Rabat) għar-rebħ tal-indulġenza tal-Ġublew.[2]



*Il-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat, Malta. Litografija li kienet ippubblikata f'The Graphic ta' Londra tat-2 ta'April 1876.*

### Fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530-1798)

Il-Gżira ta' Malta kienet ilha magħrufa bħala l-Gżira tan-Nawfraġju ta' San Pawl iżda fis-seklu 11 fehma Biżantina tal-Imperatur Costantino Porfirogenito, ispirata skont uħud minn motivi politiċi, bdiet issostni li l-gżira *Melita* li fiha sar in-Nawfraġju ta' San Pawl ma kinitx Malta tagħna iżda Mljet jew Meleda fl-Adrijatiku. Iżda Biżantini oħra fosthom il-kittieb eżiljat f'Għawdex li kiteb il-poema li ġiet pubblikata dan l-aħħar[3] kienu jsostnu lill-gżejjer tagħna. Għalhekk inħolqu żewġ tradizzjonijiet paralleli. Dan jidher ukoll mill-kotba ta' bosta viżitaturi ta' dak iż-żmien, min jgħid Malta u min jgħid Meleda. L-argumenti konvinċenti, l-aktar il-ġografija, huma favur Malta u mhux Meleda.

Iżda fis-sena 1530 bdew jaħkmu lil Malta u Għawdex il-Kavallieri ta' San Ġwann. Dawn mhux biss tawna saħħa militari u ġid li konna neħtieġu iżda ma naqsux li b'argumenti konvinċenti jippropagaw mal-Ewropa kollha lill-gżira ta' Malta bħala l-Gżira tan-Nawfraġju u lill-Grotta ta' San Pawl bħala l-monument ewlieni tal-Kristjanita` ta' Malta.

F'Settembru 1584 ġie jżur Malta Don Gian Andria Doria, *Generalissimo delle Armi Spagnolo nel mare.* Il-Kavallieri ma naqsux li jġibuh iżur il-Grotta, akkompanjat mill-Kavallerija sħiħa tal-Gżira[4].

Il-ġebla tal-Grotta kellha fama tajba għall-fejqan mill-velenu u xi mard ieħor u kienet ukoll tinżamm b'devozzjoni. Fis-sena 1589 il-Gran Mastru Verdala ordna li biċċa mill-ġebla tal-Grotta tinħadem forma ta' ktieb magħluq bix-xbieha tiegħu fuq naħa flimkien mal-kelmiet *Venena corruit (tneħħi l-velenu)* u min-naħa l-oħra bl-arma tiegħu bil-kelmiet *Hostium Teror* (Terrur tal-għedewwa) u bid-data 1589[5].

Iżda r-rabta bejn il-Grotta u l-Ordni ta' San Ġwann issaħħet b'mod l-aktar qawwi fl-ewwel għoxrin sena tas-seklu 17 (1600-1620). Dawn kienu s-snin tal-ħakma tal-Gran Mastru Aloph de Wignacourt u tal-Papa Pawlu V (Borghese) u s-snin li fihom kien jgħix Malta ċertu eremita spanjol, Juan Benegas de Cordoba. Dan għażel li jgħix madwar il-Grotta ta' San Pawl u li jkabbar id-devozzjoni lejha bħala ċentru ta' pellegrinaġġi għall-Maltin u għall-barranin. B'rakkomandazzjoni qawwija tal-Gran Mastru u tal-Universita` (il-gvern lokali), huwa mar ikellem lil Papa u qala' minn għandu li jieħu f'idejh il-Grotta ta' San Pawl, mifruda mill-Knisja Parrokkjali ta' fuqha u jibda jippromoviha. Mar darbtejn għand il-Papa, kiseb bosta relikwi, indulġenzi u paramenti sagri, li tant kienu għeżież fi żmien il-kultura tal-KontroRiforma, u għamilha famuża u devota fost niesna u fost il-barranin. Fir-reġistri tal-Arkivji nsibu li xi viżitaturi barranin mistoqsijin għala ġew Malta, qalu li ġew biex iżuru l-Grotta.

Iżda l-istorja ma waqfitx hemm. Meta ġie biex iħalli Malta ried iċedi l-Grotta f'idejn żguri u potenti. Qala' m'għand il-Papa li jgħaddi l-grotta bl-akkwisti kollha u xi bini li tella' magħha lill-Ordni ta' San Ġwann. U din kienet il-ħolma tal-Gran Mastru twajjeb u diplomatiku Fra Aloph de Wignacourt.

Wara li rringrazzja lill-Papa, xtara numru ta' artijiet f'Għawdex fl-inħawi Ta' Ċenċ, u waqqaf Kulleġġ ta' kappillani tal-Ordni jgħixu u jservu madwar il-Grotta. Għall-għejxien tagħhom għamel Fondazzjoni u tahom biex jamministraw dawn l-artijiet li kien xtara. Dan għamlu biss wara li qala' mingħand il-Papa li jgħaqqad fil-Fondazzjoni tal-Grotta l-knisja qadima tal-Hġejjeġ f'San Pawl il-Baħar. B'hekk l-Ordni seta' juri li għandu taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu l-Knisja marbuta mal-post fejn San Pawl waqqaf il-Knisja u l-Knisja marbuta mal-post fejn ġarrab in-Nawfraġju. B'hekk waqqaf ukoll fi gżiritna



*Pjanta tat-territorju Ta' Ċenċ, tas-sena 1705, meta l-Gran Mastru Aloph de Wignacourt xtara din l-art fost oħrajn f'Għawdex għall-Grotta ta' San Pawl.*



*Il-Beatu Ġwanni Pawlu II fil-Grotta ta' San Pawl fis-sena 1990.*

Kolleġġjata tal-Ordni, b'tant quddies u uffizzjatura kuljum filgħodu u filgħaxija sa ftit tas-snin ilu.

In-numru ta' viżitaturi barranin baqa' dejjem jikber. Il-viżitaturi bikrija kienu jsaqsuhom għala ġew Malta. Għadna stqarrijiet li wieġbu li ġew biex iżuru lill-Grotta ta' San Pawl. Il-Kavallieri baqgħu wkoll jakkompanjaw persuni distinti. Fis-7 ta' Marzu 1649 dawn akkompanjaw fil-Grotta lil Viċire` ta' Sqallija, il-Kardinal Giangiacomo Trivulzio (1597-1656) u reġgħu akkompanjawh daqs xahar wara meta ġie jrodd ħajr lil San Pawl għal fejqan tiegħu minn marda li żammitu xi ġimgħat oħra Malta.[6]

Tul il-medda tas-snin il-Gran Mastri l-aktar Pinto u Cotoner, flimkien mal-kappillani tal-Ordni bl-amministrazzjoni għaqlija tagħhom, kabbru l-Knisja u l-Kunvent, għammruhom b'opri ta' pittura, skultura, irħam u fided mill-aħjar artisti, u kabbru l-qima lejn il-grotta ta' San Pawl bħala ċentru ta' talb u pellegrinaġġi. L-Ordni baqa' jakkompanja fil-Grotta personaġġi distinti.

### Fi żmien l-Ingliżi u l-gvern Malti

Il-gvern Ingliż, bħala suċċessur tal-Kavallieri, għażel li jieħu f'idejh l-amministrazzoni tal-beni kollha tal-Grotta, u jkollu sehem fl-għażla tal-Kolleġġjali, li wara li telqu l-Kavallieri bdew jintgħażlu mill-qassisin djoċesani. Iżda s-servizzi spiritwali baqgħu jsiru l-istess, għalkemm l-amministrazzjoni materjali ma marret xejn 'il quddiem.

Kienet issa x-xewqa kbira tad-Djoċesi u tal-poplu tar-Rabat li ladarba l-Grotta ma baqgħetx taħt il-kura ta' Ordni reliġjuż, terġa' tingħaqad mal-parroċċa. Bosta tentattivi fallew iżda fl-aħħar fis-17 ta' April 1961, fi żmien amministrazzjoni kolonjali, fl-atti tan-nutar tal-Gvern Victor Miller, sar il-kuntratt tal-kompromess storiku li ġie ffirmat bejn l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi u l-Gvernatur Sir Guy Grantham li bih il-Grotta u l-Parroċċa saru mill-ġdid korp wieħed, il-Parroċċa saret Kolleġġjata skont id-Dritt Kanoniku, waqt li l-gvern ħa l-artijiet kollha tal-Grotta (fosthom Ta' Ċenċ f'Għawdex) bi ħlas annwali mhux revedibbli ta' elf lira Maltin fis-sena.

B'entużjażmu l-ġdid mid-Djoċesi, mill-arċiprieti u l-kleru ta' San Pawl u mill-poplu Rabti, il-kumpless Pawlin fir-Rabat ta' Malta baqa` dejjem jissaħħaħ u jitqawwa b'attivitajiet ġodda, kemm pastorali kif ukoll kulturali, speċjalment wara ż-żjara fil-Grotta taż-żewġ Papiet il-Beatu Ġwanni Pawlu II nhar is-27 ta' Mejju 1990 u l-Papa Benedittu XVI li żar il-Grotta fis-17 ta'April 2010.

Illustrazzjonijiet: Anthony C. Fsadni

Referenzi:


1 V.Borg , *Melita Sacra,* II , p.220

2 G.Aquilina, S.Fiorini , *Documentary Sources,* Part IV, no 2, docs 192. 193, 188

3 J.Busuttil, S.Fiorini, H.C.R.Vella, *Tristia ex Melitogaudo,* 2010

4 T.Freller, *St Paul's Grotto and its Visitors,* 1996, p.89

5 G, Zammit Maempel, *Seals of Medicinal Terra Sigillata melitensis and Pauline Traditions in Malta,* 2010, pp.124-5

6 B.Dal Pozzo, *Historia della Sacra Religione Militare ...,* Seconda Parte. p.727




*Il-Papa Benedittu XVI fil-Grotta ta' San Pawl fis-sena 2010.*




## *L-Appostlu Missierna San Pawl*

*Statwa tal-irħam miġjuba minn Ruma li tinsab fil-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat, Malta. Rigal tal-Gran Mastru Pinto tas-sena 1743 u xogħol ta' madwar tlett mitt sena qabel attribwit lill-iskola tal-Bernini.*